**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 67/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Patrick Spiteri )**

**Vs**

**JAMES BRINCAU**

**Illum, 5 ta'Novembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra James Brincau talli fl-4 ta'April, 2000, ghal habta Tas-6.15 p.m., f'Hal Far, waqt li kien ghall-kacca (**1**) kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar (senter) tal-marka Browning 15997, u (**2**) kellu fil-pussess tieghu tajra protetta (russett), u dan bi ksur ta' l-A.L. 146/93, Art. 12.

Rat is-sentenza moghtija fl-4 t'April, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha filwaqt li sabet lill-James Brincau mhux hati ta' l-ewwel akkuza, u lliberatu minnha, sabitu hati tat-tieni akkuza, u kkundannatu Lm250 Multa fuqha.

Rat ir-rikors t'appell ta'James Brincau datat 9 t'April, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, u tirrevokaha fil-parti fejn gie misjub hati, biex b'hekk jigi liberat minn kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta’ l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-ilment ta’ l-appellant bazikament hu li l-ewwel Qorti ma ghamletx apprezzament tal-provi tajjeb, fis-sens li in bazi tal-provi li kellha quddiemha, hi ma setghetx legalment u ragjonevolment issib htija fih li kellu fil-pussess tieghu tajra protetta (russett).

Din, ghalhekk, hi kollha kemm hi kwistjoni ta’apprezzament tal-provi. L-appellant jghid li dik it-tajra, ghalkemm veru instabet fid-dura fejn kien ghall-kacca hu, fil-fatt din ma kienetx legalment fil-pussess tieghu, l-ghaliex kien gabha hemmhekk xi kelb. Hu jghid li dik it-tajra ma kienetx tieghu w lanqas ma kien qabadha hu.

Issa l-appellant mhux akkuzat li kien qabad dik it-tajra, izda semplicement li din kienet fil-pussess tieghu. Kif sewwa qalghet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, huwa irrilevanti ghall-kollox kif dik it-tajra spiccat fil-pussess ta’ l-appellant. Li hu importanti hu li din veru kienet u nstabet fil-pussess tieghu, u ghalhekk, teknikament u legalment ir-reat taht it-tieni akkuza kien sehh. Din il-Qorti, fil-fatt, ma ssib xejn x’ticcensura f’dak li ghamlet l-ewwel Qorti, u taqbel bis-shih ma’ dak li ddecidiet.

Ghalhekk l-appell ta’James Brincau qed jigi michud u s-sentenza appellata hija konfermatha fl-intier taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur